**KUNSILL LOKALI NADUR**

# Minuti tat-tnejn u tletin (32) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur
## L-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2017, fis-6.45pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Preżenti via Conference Call:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

1. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ħa r-responsabilita li jmexxi din l-laqgħa b'urġenza peress li s-Sindku huwa msiefer fuq xogħol u qed jieħu sehem fil-laqgħa permezz ta' 'conference call'. Il-Viċi Sindku nnota ukoll li l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar ukoll bgħatet ittra biex tigi skużata peress li kellha appuntamenti oħra skedati. Il-Kunsill approva din it-talba.

2. **Diskussjoni u Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2016.**

Il-Viċi Sindku talab lil Accountant tal-Kunsill tispjega jekk kienx hemm xi tibdiliet fl-Audited Financial Statements peress li l-Kunsill kien diġa iltaqa' dwar dan u ġie spjegat fid-dettal ir-rapport tal-Financial Statements 2016 fi Frar. L-Accountant spjegat li kien hemm miżjud ma' dan ir-rapport xi *minor ammendments* li kienu l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv, tal-Clerk u d-disturbance allowance tal-ħaddiem Saviour Xiberras tas-sena 2016 li ġew approvati mill-Kunsill fis-sena 2017. Kien hemm ukoll tnaqqis ta xahrejn, Novembru u Diċembru, ta' l-iskips ta' Xurdin peress li dawn twaqqfu fl-aħħar ta' Ottubru 2016.

Il-Viċi Sindku Eucharist Camillieri staqsa lil Accountant tal-Kunsill jekk il-Kunsill hux qed ilaħħaq mal-pagamenti tal-PPP tas-snin ta' qabel. L-Accountant nnotat li għad fadal x'jitħallas iżda dan il-Kunsill qed jaqta' ħafna mill-ammonti li hemm pendenti mis-snin ta' qabel. L-Accountant spjegat ukoll li l-*Financial Situation Indicator* juri dan ukoll għax għalkemm għadu bin-negattiv, dan kompla jissaħħah meta kkomparat ma sena ilu u dan jawgura tajjeb.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Eucharist Camilleri | Sue-Ellen Bugeja |
| Vici Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Il-Viċi Sindku staqsa lil Kunsilliera Dr. Rita Mifsud li hija c-Chair person tal-Kumitat tal-Finanzi kif sejrin fil-laqgħat li qed isiru. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud nnotat li sejrin tajjeb ħafna u li kull mistoqsija qed tiġi kjarifikata u indirizzata mill-Accountant tal-Kunsill li tkun prezenti waqt il-laqgħa ukoll.

Is-Sindku hawnhekk intervjena minn naħa tiegħu u staqsa ukoll lis-Segretarja biex tagħti update ta' dak li ġara waqt l-Audit fil-Kunsill. Is-Segretarja nnotat li l-Awditur kien kuntent ħafna bl-improvement li kien hemm komparat mas-sena l-oħra f'ħafna oqsma. L-Accountant kienet ukoll prezenti fl-aħħar ta' Audit fejn spjegat lil Awditur xi mistoqsijiet oħra li kellu. Is-Sindku rrimarka li qed isir ħafna xogħol utli mill-Accountant u s-Segretarju Eżekuttiv, u rringrazzja lil Kunsilliera preżenti talli attendew għal laqgħa b'urġenza sabiex nonoraw id-deadlines tal-Awdituri.

Il-Kunsilliera preżenti inkluż is-Sindku approvaw dan ir-rapport.

### 3. Il- Tmiem tal-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.10pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Eucharist Camilleri | Sue-Ellen Bugeja |
| Vici Sindku | Segretarja Ezekuttiva |